# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (Malta)
## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

### Magistrat Francesco Depasquale

**Seduta ta' t-Tnejn 11 ta' Jannar, 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**

**vs**

**Dylan Mc Kay**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi kif migjuba kontra **Dylan Mc Kay**, ta' 21 sena, iben Anthony u Rachael Galea, imwieled gewwa l-Pieta' fis-17 ta' Frar, 1994, residenti 122, The Cottage, Triq il-Merhba, Fgura u detentur tal-karta tal-identita' 117996M.

Akkuzat talli nhar l-10 ta' Jannar, 2016 ghal habta tas-saghtejn ta' filghodu (0200 hrs) gewwa l-Gzira u/jew f' postijiet ohra f' dawn il-Gzejjer:

1. Kiser wahda jew iktar mill-kundizzjonijiet impost fuqu b' digriet ghal helsien mill-arrest, akkordati lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif preseduta mill-Magistrat Dr. Carol Peralta LL.D. nhar it-23 ta' Dicembru, 2014, liema kundizzjonijiet inghatawlu that garanzija personali ta' €3,000.

2. Talli rrifjuta li jaghti, jew ta falz, lil ufficcjal pubbliku jew lil wiehed iehor inkarigat minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu, ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikularitajiet ohra.

3. U aktar talli m' obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita` jew ta' wiehed inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliehx jew fixklu waqt li kien qed jaghmel id-dmijiet tieghu.

Il-Qorti hija mitlu7ba sabiex f' kaz ta' htija, flimkien mal-piena skond il-ligi, tordna r-revoka tad-digriet li bih Dylan Mc Kay inghata l-beneficcju tal-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi mputat, kif wkoll tordna li l-ammont ta' €3,000 bhala garanzija 0personali, jghaddu favur il-Gvern ta' Malta u dank if stipulate fl-Artikolu 579 (2) (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-akkuzi u l-Ligi senjatament l-Art. 338 (g) (ee) u l-Art. 579 (2) (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni ta' l-akkuzat;

Rat il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest moghtija fit-23 ta' Dicembru, 2014. Fic-cirkostanzi ssibu hati u timmultah multa kompessiva ta' €350 u tordna l-konfiska favur il-Gvern tal-garanzija personali ta' €3,000 moghtija fil-fuq imsemmi ordni.

Il-Qorti m' qieghdix tirrevoka l-helsien mill-arrest.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**